

BQT
3412.
M457
N365
2016

# Marija, Kun Għalina t-Triq tal-Ħniena

Il-Festa ta' Marija Bambina
Il-Mellieħa 2016

# Is-Simboliżmu fl-Arti: Sant'Anna u bintha Marija

Ernest Vella

Il-pittura mhix sempliċiment żebgħa fuq tila, jew inkella disinji u kuluri sbieħ li jżejnu u jpaxxu l-għajn. Il-pittura bħal kull forma oħra t'arti hija aktar profonda. Permezz tagħha l-artist jesprimi dak li qiegħed iħoss, iġarrab u jemmen. Nistgħu ngħidu għalhekk li l-pittura, bħall-mużika u l-letteratura hija lingwa li biha l-bniedem jesprimi x-xewqat, il-biżgħat u t-twemmin tiegħu. Din il-lingwa però ma fihiex ħsejjes u lanqas kliem, imma disinji u kuluri li jqanqluna, jemozzjonawna u jista' jkun ukoll iġegħluna naħsbu. Għalhekk meta nħarsu lejn pittura ma nistgħux naqrawha bħalma naqraw gazzetta. Il-pittura jew skultura ħafna drabi ma tkellimniex b'mod dirett. Il-pittura, l-aktar dik reliġjuża hija mimlija simboliżmi li jekk inkunu nafu naqrawhom idaħħluna f'dimensjoni ġdida aktar profonda ta' spiritwalità.

## X'inhu s-simbolu

Il-kelma simbolu ġejja mill-Grieg *symbolon* li tfisser mezz ta' identifikazzjoni. Hekk gruppi ta' nies li jiffurmaw alleanza kienu jintgħarfu minn gruppi oħra permezz tas-*symbolon* differenti. Għalhekk is-simbolu nistgħu ngħidu li hu stampa jew sinjal b'tifsira. Dan is-sinjal huwa magħruf fost in-nies ta' dik l-għaqda jew reliġjon. Hekk is-simboli reliġjużi jservu ta' lingwa bejn il-membri ta' dik ir-reliġjon. Pereżempju, is-simbolu tas-salib jista' jiftiehem l-istess minn Kristjan li ġej mill-Ewropa u ieħor li ġej mill-Asja. Is-simboli reliġjużi huma mimlija tifsir li bħal sinjali fit-toroq jidderiġuna u jqarrbuna għall-esperjenza ta' dak li huwa sagru ( Goldammer 2016: n.p).

## Is-simboliżmu fil-pittura ta' Sant' Anna u l-Madonna

Il-pittura fil-qoxra ta' dan il-ktieb, li tippreżenta lil Sant'Anna u lil Marija bħala tifla ċkejkna, hija mimlija simboliżmi li l-oriġini ta' xi wħud minnhom imorru lura eluf ta' snin. Xi wħud minn dawn is-simboli oriġinaw minn ċiviltajiet li twieldu u għexu ħafna qabel Kristu. Imbagħad l-Ewwel Insara, ħadu dawn is-simboli u tawhom libsa ġdida. Hekk, ngħidu aħna, ir-Ragħaj it-Tajjeb li fil-pittura jidher miexi lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, jaf il-bidu tiegħu tal-anqas miċ-ċiviltà Griega antika.

Hawn min jitħawwad meta jara kif is-simboliżmu jimxi minn ċiviltà jew minn reliġjon għal oħra. Biss wieħed irid jiftakar li għalkemm il-verità sħiħa dwar Alla kien għadha ma waslitx permezz ta' Kristu, ma jfissirx li ma kienx hemm sustanza ta' verità kif ukoll spiritwalità fir-reliġjonijiet pagani antiki. Barra minn dan, l-Ewwel Insara biex ma jinqabdux kienu jużaw l-immaġni ta' madwarhom. Hekk insibu li fil-katakombi ta' San Pietru u Marċellinu bdew ipinġu lil Kristu fil-figura tal-alla pagan Orfew. Peress li fil-mitoloġija Orfew kien niżel fid-dinja tal-mejtin u tela', l-Ewwel Insara fil-figura ta' Orfew kienu jaraw tixbiha ta' Kristu, li bil-mewt u l-qawmien ħeles lill-bniedem (Yeomans 2014: n p).



Mużajk Ruman tat-2/3 seklu W.K. li juri l-alla pagan Orfew jimmansa l-bhejjem slavaġ bid-daqq tal-arpa. (Theoi Greek Mythology http://www.theoi.com/)



Affresk fil-katakombi ta' San Pietru u Marċellinu f'Ruma li juri lil Kristu fil-forma ta' Orfew. (https://commons.wikimedia.org/wiki/File:Christ-Orpheus_from_Rome_catacombe.jpg)

## Ir-Ragħaj it-Tajjeb

Il-figura fl-arti tar-Ragħaj it-Tajjeb ġejja oriġinarjament mir-Reffiegħ tal-Għoġol, figura li nsibuha fl-arti tal-Greċja antika tal-570 Q.K. Dan kien jirrappreżenta ragħaj b'għoġol jew nagħġa fuq spalltu sejjer biha għas-sagrifiċċju (Roberts 2013: Religious Pastoral). Fid-dinja Rumana wieħed isib il-figura tal-alla Merkurju jġorr muntun fuq spalltu bħala l-għassies tal-merħla (Hall 1995: 280). Din l-immaġni tingħata tifsira ġdida mill-Ewwel Insara. Biha jalludu għal kliem Kristu li jitlaq id-disgħa u disgħin nagħġa biex ifittex in-nagħġa l-mitlufa (Ġwanni 10:1–9). Hekk bejn is-sekli tlieta u ħamsa, l-Ewwel Insara żviluppaw l-Għassies tal-merħla bin-nagħġa fuq spalltu fi Kristu bħala r-Ragħaj it-Tajjeb (Yeomans 2014: np). Dan is-simbolu ta' Kristu bħala r-Ragħaj it-Tajjeb reġa' ngħata importanza kbira meta ntgħażel bħala l-logo tal-Ġublew tal-Ħniena.

## Sant'Anna u l-Madonna

Fil-pittura normalment insibu żewġ tipi ta' immaġni ta' Sant'Anna. Dik bħala omm, li fuqha jew magħha hemm bintha Marija, jew Sant'Anna bħala nanna, akkumpanjata jew iżomm fuqha lil Marija u lil binha Ġesù. Ħafna drabi fil-pittura nsibu lil Anna liebsa mantell aħdar fuq libsa ħamra. Il-kulur aħdar ifisser it-twelid ta' ħajja ġdida. B'hekk jalludi għall-qawmien mill-mewt, filwaqt li l-kulur l-aħmar jissimbolizza l-imħabba. Għalhekk wieħed jorbot l-imħabba materna ta' Sant'Anna ma' ta' Marija, li twassal għat-twelid ta' Ġesù. (Hall 1995: 18).

Fil-pittura ta' fuq il-faċċata, Sant'Anna u bintha Marija jidhru nies tal-lum. Fil-fatt il-mantell aħdar mhuwa xejn għajr xalla li tilbes mara llum il-ġurnata. Din saret bi ħsieb, għaliex il-preżenza ta' ommna Marija u binha Ġesù għadha attwali u għal min jemmen, isib li huma preżenti fir-realtajiet iebsa tal-lum.



Ir-Reffiegħ tal-Għoġol fl-Akropoli t'Ateni 570 Q.K.
(Art History & the Art of History)



Ir-Ragħaj it-Tajjeb fil-katakombi ta' San Kallistu f'Ruma madwar 200 W.K.
(http://frederica.com/ )



Ikona Biżantina tas-seklu 15 ta' Sant'Anna u l-Madonna mpittra minn Angelos Akotantos.




Il-logo uffiċjali tal-Ġublew tal-Ħniena



Affresk ta' bejn is-6 u t-8 seklu W.K li juri lil Sant'Anna, lil Madonna u lil Santa Eliżabetta lkoll iżommu 'l uliedhom. Dan jinsab f'Santa Maria Anitqua f'Ruma.
(https://www.wmf.org/project/santa-maria-antiqua-church)

## L-Għasfur tal-Bejt

Il-protoevanġelju jirrakkonta t-tnissil mirakoluż ta' Marija. Sant'Anna kienet tinsab taħt siġra tarrand fil-ġnien ta' darha, tibki xortiha li ma tistax tinqabad tqila. Hekk kif rat bejta t'għasafar tal-bejt f'disperazzjoni karbet, "Ara ftit, anke t-tjur tas-sema jkollhom l-ulied!" Kien dak il-ħin li l-Anġlu dehrilha jħabbrilha li hi kienet ser toħroġ tqila b'Marija (Hall 1995: 170). Fl-evanġelju hemm ukoll referenza għall-għasfur tal-bejt. Kristu jgħidilna biex ma ninkwetawx għax hekk kif Alla l-Missier ma jinsiex lil għasfur tal-bejt li ma jiswiex, kemm aktar mhux ser jinsa lilna (Mattew 10: 29-31)!

F'din il-pittura naraw liċ-ċkejkna Marija żżomm l-għasfur tal-bejt fuq sebagħha l-werrej. Hi bħal turi lil ommha, li Alla ma jinsiex lil min għandu l-fidi. Forsi xi drabi l-fidi tagħna ma twassalx li nirċievu dak li nitolbu. Hemm bosta nisa u rġiel li talbu kemm felħu u baqgħu bla tfal. Hemm bosta ġenituri li talbu għal uliedhom biex ifiqu, jew biex ma jiġġarrbux imma xorta tilfuhom. U f'dan il-kuntest hija ġusta li wieħed jistaqsi allura x'tiswa din il-fidi f'Alla? Imma forsi l-fidi f'Alla hi dik li ssalva l-bniedem milli jiddispra. Li jkun kapaċi jibqa' jqum filgħodu u jiftaħ għajnejh u minkejja l-weġgħa profonda jerġa' jsib is-sens tal-ħajja. Hija l-fidi li meta ma nifilħux aktar, nintelqu u ngħidu lil Alla, "Jien ma nifhimx x'inhu jiġri, jien ma niflaħx aktar, ma baqagħli l-ebda saħħa nikkumbatti, issa kollox f'idejk." U għalhekk Marija fuq sebagħha l-werrej qiegħda turina dan l-għasfur komuni, simbolu fqir tal-fidi tagħna f'Alla.

## Il-Lewża

Il-lewża hija simbolu tal-purità tal-Madonna hekk kif imfissra fil-Ktieb tan-Numri fit-Testment l-Antik. Xi drabi wkoll il-Madonna u Kristu huma mdawra b'dija ta' dawl fil-forma ta' lewża li fl-arti tissejjaħ il-Mandorla li tfisser lewża bit-Taljan (Hall 1995:14). Fil-Ktieb tan-Numri insibu referenza għal-lewża bħala simbolu tal-grazzja t'Alla li l-Insara rawha bħala raffigurazzjoni tal-Madonna (Numri 18: 1-8; Edwin & Fongemie 2016, n.p.). Interessanti wkoll li l-aħħar restawr li sar tal-immaġni tal-Madonna tal-Mellieħa, kixef fjura bajda fuq ras il-Madonna. Il-fjuri bojod huma simbolu tal-purità tal-Madonna (Hall 1995:329).

## Konklużjoni

Meta wieħed jibda jifhem aktar is-simboli li hemm fil-pittura reliġjuża jiftaħ dimensjoni ġdida, fejn il-pittura ssir mezz kif wieħed jidħol aktar fil-profond tiegħu nnifsu u ta' dak li jemmen.

Fil-pittura ta' fuq il-qoxra wieħed jara wkoll is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, bil-bieb miftuħ u li minnu ħiereġ id-dawl. Id-dawl li ħafna drabi fil-Bibbja jintuża bħala simbolu tal-preżenza t'Alla u simbolu ta' Kristu, li ġie biex jurina t-Triq. Hija ġrajja importanti għall-Mellieħa li propja ntgħażlet biex ikollha Bieb tal-Ġublew. Dan il-bieb fuq kollox huwa simbolu tal-imħabba t'Alla li għandu għalina. Forsi bħalma darba qalli qassis, l-aktar ħaġa diffiċli mhux li wieħed jemmen jekk jeżistix Alla, imma li wieħed jemmen li Alla jħobbna tassew kif aħna, bis-sabiħ u l-ikrah tagħna.

## Referenzi


Edwin A, Fongemie P. 2016 Mary's Symbols.
*http://www.catholictradition.org/Mary/marys-symbols.htm*
2 t'Awissu 2016

Goldammer K.M.A. 2016, Religious Symbols and Iconography fi Encydlopedia Brittanica.
*https://www.britannica.com/topic/religious-symbolism/Icons-and-systems-of-iconography#toc28973*
2 t'Awissu 2016

Hall J. 1995, Hall's Dictionary of Subjects & Symbols in Art, Revised edition. John Murray Publishers.

Roberts H. 2013, Encyclopedia of Comparative Iconography: Themes Depicted in Works of Art, Routledge.
*https://books.google.com.mt/books?id=0fq1fPD-itIC&pg=PT2100&lpg=PT2100&dq=the+iconography+of+the+good+shepherd+and+the+calf+bearer&source=bl&ots=avEhm352vg&sig=owTqyoxU0JM70hUKEwjfleuumKLOAhUFORQKHTf3DhEQ6AEIJzAC#v=onepage&q=the%20iconography%20of%20the%20good%20shepherd%20and%20the%20calf%20bearer&f=true*
2 t'Awissu 2016

Yeomans S. 2014, Borrowing from the Neighbours, Pagan Imagery in Christian Art fi ***Bible History Daily***
*http://www.biblicalarchaeology.org/daily/ancient-cultures/ancient-near-eastern-world/borrowing-from-the-neighbors/*
2 t'Awissu 2016




### Purċissjoni Festa ta' Marija Bambina
### 8 ta' Settembru 2016

| | |
|---|---|
| *Fis-7.00 pm:* | Ħruġ tal-Purċissjoni. |
| *Fit-7.45 pm.* | Naslu quddiem il-Banda Imperial. |
| *Fid-9.15 pm:* | Nitilqu minnn quddiem il-Banda Imperial. |
| *Fl-9.45 pm:* | Naslu quddiem il-Banda La Vittoria. |
| *Fl-10.15 pm:* | Nitilqu minn quddiem il-Banda La Vittoria. |
| *Fil-11.00 pm:* | Dħul tal-Istatwa fil-Knisja. |